MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 237/2000/1

***Emanuel u Margaret, konjugi Farrugia***
***vs***
***Gasan Mamo Insurance Agnecy Limited gia' Galdes and Mamo Limited.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew: illi huma l-propretarji tal-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni FAS 429 gia X 1542; illi din il-vettura kienet insterqet u garrbet hafna hsara; illi l-imsemmija vettura hija assikurata mas-socjeta' ta' l-assikurazzjoni Gasan Mamo Insurance gia Royal Insurance; illi l-atturi intavolaw Claim bin-numru M 6407/98 ma' l-istess socjeta' assikurativa; illi skond il-polza ta' l-assikurazzjoni li tkopri l-istess vettura l-imsemmija socjeta' assikurattiva kellha tillikwida u thallas id-danni li garrbet l-imsemmija vettura lill-istess atturi; illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi mill-atturi baqghet inadempjenti u

ma affettwatx tali hlas lill-atturi; talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-hlas fil-konfront ta' l-atturi;

2. Tillikwida d-danni li garrbet l-imsemmija vettura, anke permezz ta' perit nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-atturi;

Bl-ispejjez u bl-imghax

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi guramentata minn Emanuel Farrugia, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn eccepew:

1. In-nullita' tac-citazzjoni, stante li ma tezisti l-ebda socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance gia' Royal Insurance;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li d-danni kagunati fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAS429 gia X1542 m' humiex koperti bil-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta, liema polza kienet tkopri biss “third party damage, fire and theft” u hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, id-danni reklamati mill-atturi ma gewx kagunati b' konsegwenza ta' serqa jew ta' hruq; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta, guramentata minn Hugh P. Zammit, u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn fis-27 ta' April 2000 fejn din il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u ordnat il-korrezzjoni fl-ismijiet tas-socjeta' konvenuta, kull fejn jirrikorri.

Rat li fl-udjenza tal-20 ta' mejju 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sottomissjonijiet maghumla mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-assiem tal-provi rrizultaw sodisfacentement provati s-segwenti fatti. Fl-24 ta' Jannar 1998 ghal habta tal-4 ta' filghodu, il-vettura FAS 429 tal-ghamla Peugeot 205 nstabet mahbuta gol *crash barrier* li hemm fil-*by pass* ta' Santa Venera bi hsarat esetensiva fuqha fuq quddiem, u hsara wkoll fuq in-naha ta' wara.

Mill-indagini maghmula mill-Pulizija rrizulta li l-vettura kienet proprjeta' tal-atturi, izda fil-vettura nstabu wkoll dokumenti appartenenti lit-tifel taghhom Adolfe[1]. Ghalhekk il-pulizija marru fir-residenza tal-atturi u, filwaqt li nformawh b' dak li sabu, talbuh spjegazzjoni. L-attur minn naha tieghu spjega li huwa l-ahhar li ra l-vettura kien meta halla l-vettura pparkata quddiem ir-residenza tieghu go Triq San Pawl Hal Safi ghal habta tad-9.30 pm. u ghalhekk sostna li l-vettura kienet insterqet minn terz injot.

Peress li fil-vettura kien hemm dokumenti appartenenti lill-imsemmi Adolfe Farrugia u tenut kont tal-fatt li l-windscreen tal-vettura kien mifqugh, is-surgent 1283 Carmelo Costa hass li kellu jinsisti li jara lil Adolphe dak in-nhar stess. *"..l-interess tieghi kien li nara wiccu"*[2]. Fil-fatt hekk sar u s-surgent kkonstata li dan Adolfe ma kellux grif f' wiccu.

Illi minn aktar indagini rrizulta li vettura bin-numru IBC 061 misjuqa minn terza persuna, kienet laqtet il-vettura tal-atturi fuq in-naha ta' wara, meta dina kienet abbandunata

---

[1] Illum mejjet
[2] Ix-xhud fid-depsozijoni tieghu sostna li fil-fehma tieghu l-windscreen kien inqala' l'barra *"b' ras ta' xi hadd **minn naha ta' gewwa**"* Fol.79

fit-triq mahbuta mal-*guarding* f' posizzjoni perpendikulari mal-genb tat-triq. B' hekk, **wara** l-ewwel incident, il-vettura tal-atturi sofriet danni fuq in-naha ta' wara taghha.

Illi sussegwentement u konsegwenzjali ghall-incident l-attur Emanuel Farrugia, ghamel claim mas-socjeta' assikuratrici konvenuta, li maghha l-vettura kienet assikurata that kopertura ta' *Third Party damage fire and theft*, ghar-rifuzjoni tal-ispejjez inkorrzi minnu fit-tiswija tal-hsara riportata fuq il-vettura.

Illi, pero' stante li ma kienux jidhru sinjali ta' sgass fuq l-aperturi esterni tal-vettura, kif ukoll avut rigward ghall-fatt tal-posizzjoni tal-vettura kif instabet, is-socjeta' konvenuta ssusspettat li ma kien minnu xejn li l-vettura kienet insterqet, izda piuttost kien il-kaz li l-attur jew it-tifel tieghu kien habat biha huwa u gej minn naha tar-Regional Road. Ghaldaqstant hija ma hallsitx il-claim tal-atturi u minnflok qabbdet lill-investigatur Charles Pisani biex jinvestiga l-incident ulterjorment. Dan kien xi xhur wara l-incident.

Illi l-imsemmi Charles Pisani ezamina l-vettura tal-atturi meta dina kienet ghat-tiswija ghand Godfrey Busuttill, u wkoll mar jara l-post fejn kien sehh l-incident. Dan kien f' Marzu tal-istess sena, u rrediga r-rapport tieghu fit-30 ta' Ottubru 1998.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta' konvenuta qed issostni li d-danni kkagunati fil-vettura in parola m' humiex koperti bil-polza tal-assikurazzjoni mahruga minnha lill-attur, stante li din il-polza kienet tkopri biss *"third party damage, fire and theft",* filwaqt li d-danni reklamati mill-atturi ma gewx kagunati b' konsegwenza ta' serqa jew ta' hruq. Ghaldaqstant m' ghandhiex thallas l-ispejjez tat-tiswija. In sostanza, is-socjeta' konvenuta qeda issostni li dan il-kaz la hu wiehed ta' hruq[3] u lanqas ta' serq tal-vettura.

*Osservazzjonijiet fattwali*

[3] Fil-fatt jirrizulta ampjament u inkontestat li l-vettura ma sofriet ebda hruq u li l-hsara kienet dovuta unikament ghall-impatt tal-habta.

In propositu il-Qorti tosserva li, stante li r-rapport tal-investigatur Charles Pisani jifforma l-bazi tar-rifjut da parti tas-socjeta' konvenuta li tissodisfa l-*claim* tal-atturi, jkun opportun li jisir analizi akkurat tal-istess rapport[4] kkunsidrat wkoll fid-dawl tad-deposizjoni[5] tal-imsemmi Chalres Pisani quddiem din il-Qorti, u tal-kumpless tal-provi migjuba, u senjatament id-deposizzjoni ta' Godfrey Busuttil[6], li huwa l-persuna li ghamlet it-tiswijiet fuq il-vettura, kif ukoll tas-surveyor John Callus u tar-rapport minnu maghmul[7].

Illi s-suspett tas-socjeta' konvenuta huwa bazat fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**1.** Illi mill-provi rrizulta li **ma kienx hemm sinjali ta' sgass** la fil-bibien u lanqas fit-twieqi. *"..all locks were operational by key or by the inside locking system. There were no signs of tempering with these locks"[8].* Din wasslet lill-investigatur ghall-konkluzjoni li l-vettura nfethat bil-mezz tac-cavetta.

**2.** Illi mill-provi rrizulta wkoll li ma kienx hemm tbaghbis fil-wiring tal-ignition system. Fi kliem Charles Pisani *"No signs were evident that the vehicle ignition wiring system was tampered with in order to start the vehicle without using a key were noted"[9]* In-nuqqas ta' hsara fis-sistema tal-ignition tinsab konfortata mid-deposizzjonijiet ta' Godfrey Busuttil u d-dokumenti prezentati minnu, kif ukoll mill-kontenut tas-survey report. Fost il-hsara indikata fid-dokumenti ma hemm indikata hsara relatata mal-ignition system.

**3.** Illi, ghalkemm il-windscreen kien miksur, mill-provi jirrizulta aktar verosimili li din il-hsara kienet **rizultat tal-impatt** qawwi li l-vettura garrbet fuq in-naha ta' quddiem mal-habta.

[4] Fol.105 *et seq.*
[5] Fol.140 *et seq.*
[6] Vide deposizzjoni u dokumenti esebiti Fols.55 *et seq.*
[7] Dok.JC1 - Fol.97
[8] Fol.106
[9] Fols.106-107

Barra minhekk, fil-fehma tal-Qorti tesorbita mill-parametri tal-logika u ta' dak li komunament jigri f' cirkostanzi ta' serq ta' vetturi, l-ipotesi li halliel jaccedi gol-vettura billi jkisser il-windscreen, minflok ikisser wahda mit-twieqi,[10] jew jibaghabas mal-lock tal-bibien tal-vettura; meta wiehed jikkonsidera li sgass fil-bibien u twieqi huwa aktar logiku, ghax jipprezenta anqas diffikulta' anqas perikolu u anqas hoss, minn dak kkagunat mill-ksur tal-windscreen.

**4.** Illi mal-mudell koncernat jigi supplit tip ta' **cavetta wahda li topera kemm il-locks kollha kif ukoll l-ignition system**. Ghaldaqstant, la darba il-persuna tkun uzat cavetta li biha tkun fethet b' mod normali il-bibien tal-vettura, ma jghamilx sens li din il-persuna sussegwentement tisforza l-isteering lock bil-konsegwenza li taghamel hsara fl-istess. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hsara fl-isteering lock ma twassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li dana kien gie sforzat bl-iskop li tinsteraq il-vettura.

**5.** Illi f' okkazzjoni precedenti kien hemm claim simili u *"stramba"* da parti ta' Adolfe Farrugia li kienet tirrigwarda vettura Isuzu. Din kienet giet investigata mill-istess Charles Pisani, bir-rizultat li kien hemm suspett qawwi li l-vettura ma kienitx misruqa. Sussegwentement, pero' kienet ittiehdet decizjoni manigerjali li titwaqqaf l-investigazzjoni u l-claim tigi sodisfatta.

**6.** Illi meta Charles Pisani kien iltaqa' mal-imsemmi Adolphe Farrugia f' zewg okkazzjonijiet, in konnessjoni mal-claim menzjonata fil-paragrafu precedenti, huwa kien rah isuq vettura simili *"in make and colour"* ghall-vettura in disamina.

**7.** Illi fil-posizzjoni li fiha kienet insabet il-vettura, jidher li dina kienet qeda tinsaq mid-direzzjoni tal-area ta' tas-Sliema.

*Osservazzjonijiet guridici*

---

[10] Biex jdahhal idejh u jilhaq il-lock minn gewwa

In vena legali, il-Qorti tosserva li f' materja tal-grad ta' prova rikjesta fid-dritt procedurali civili sabiex it-talba tal-attur tigi sostnuta l-insejnament gurisprudenzjali huwa fis-sens li dana ghandu l-obblgu li adegwatament jipprova l-premessi tieghu, almenu fuq bazi ta' probabbilitajiet, kif ukoll li f' kaz li jibqa' jippersisti d-dubbju ragjonevoli li dan il-grad ta' prova ma jirnexxielux jilhqu, tali dubbju ghandu jmur favur il-konvenut, u japplikaw il-massimi legali li l-*prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u li, jekk tali prova ma ssirx, *actore non probante reus absolvitur*.[11]

Inoltre, huwa principju gurisprudenzjali sod li, anke jekk il-versjonijiet ikunu plawsibbli, f' kaz ta' zewg versjonijiet diametrikalment konfliggenti, dan jiffavorixxi lill-konvenut in kwantu huwa dejjem l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjoni tieghu.[12]

***Konkluzjoni***

Illi fil-kaz in disamina, il-kawzali formanti l-bazi tat-talbiet tal-atturi hija s-serq tal-vettura u d-danni konsegwenzjali li garrbet.  Ghalhekk huwa l-oneru tal-atturi li jipprovaw, fl-ewwel lok li l-vettura FAS 429 kienet fil-fatt insterqet mill-pussess taghhom, u fit-tieni lok li d-danni li sofriet kienu konsegwenzjali ghall-dan is-serq.

Illi rigward l-ewwel parti tal-kawzali, din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi hija tal-fehma li l-fatt provat li fil-vettura <u>ma kienx hemm sinjali ta' sgass estern, kif ukoll in-nuqqas ta' hsara riskontrata fis-sistema ossia fil-wiring tal-ignition tal-vettura</u> jikkonducu, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghall-konkluzjoni li l-atturi ma rnexxielhom jipprovaw sufficjentement il-premessa taghhom li l-vettura kienet fil-fatt insterqet.  Dawn il-fatt jitfghu <u>dubbju **serju**</u> fuq it-tesi tal-atturi, liema dubbju ghandu jiffavorixxi lis-socjeta' konvenuta skond il-principji legali fuq esposti.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-claim tal-atturi mhux koperta bil-polza ta' assikurazzjoni, hija fondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi milqugha.

[11] App Civili – ***Albert Portelli vs Dr.Riccardo Farrugia*** – Vol.LXXXII.II.1305
[12] App.Inf. (PS) ***Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et*** – 22 ta' Novembru 2002

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni rigwardanti l-isem tas-socjeta’ konvenuta, din il-Qorti qed tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha stante d-digriet tas-27 ta’ April 200 fejn din il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-atturi u ordnat id-debita korrezzjoni.

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------